# Il-Ħuttafa

Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru 25
Marzu /April
1998

Bird
MALTA



*Harġa Speċjali*
*GreenWeek 98*



**Denb il-Ħaruf** - pjanta komuni ta' l-art imħarbta.

# editorjal

## Ħbieb HUTTAF



B'din il-ħarġa, Il-Ħuttafa tidħol fil-ħames sena tagħha. Nisimgħu ħafna kummenti sbieħ dwarha, mhux biss minn għandkom il-membri, imma anke minn għand il-ġenituri tagħkom, li spiss jaqrawh minn qoxra sa qoxra, kultant anke qabel ma taqrawh intom stess!

Nieħdu pjaċir ukoll meta narawkom tieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet li nagħmlulkom. Kif taraw, il-Gallerija ta' l-Arti qatt ma tkun vojta - għandi fajl sħiħ kollu tpinġijiet jistennew fil-kju! L-ittri tagħkom ukoll dejjem ġejjin, ma jonqsu qatt!

Komplu pinġu. Komplu iktbu. Komplu vvintaw... u komplu irbħu!

Dan kollu lilna jferraħna, għax ifisser li l-magażin m'aħniex nagħmluh għalxejn, imma qegħdin taqrawh, tgawduh u (nispera) tfaddluh ukoll.

Imma l-akbar xewqa tagħna hija li mill-qari tal-Ħuttafa intom issiru ambjentalisti. Id-dinja għandha bżonn ħafna u ħafna ambjentalisti, nies li jħobbu u jirrispettaw lin-natura.

Din il-ħarġa tal-Ħuttafa hija speċjali għax għamilna l-qoxra bil-kulur. Nispera li togħġobkom, u li tużawha biex tħajru lil sħabkom jidħlu membri, kif għamlu dawk il-Ħuttaf li isimhom jidher f'paġna 11.

Ejja, ħbieb! L-armata tan-natura trid tibqa' tikber!



Victor

**Victor Falzon**
**Editur**

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| **Editorjal** | **paġ 2** |
| **Aħbarijiet** | **paġ 3** |
| **Numri** | **paġ 3** |
| **X'għandna mid-Dinja** | **paġ 3-4** |
| **Kompetizzjoni 25** | **paġ 4** |
| **Nittrumbjaw fuq...ir-RUSSETT tas-SIĠAR** | **paġ 5** |
| **Ittri** | **paġ 6** |
| **Gallerija** | **paġ 7** |
| **Oħloq Annimal** | **paġ 7** |
| **Attività** | **paġ 8** |
| **ALIVE** | **paġ 8** |
| **Żewġ ritratti...** | **paġ 9** |
| **Ħmerijiet li nisma'!** | **paġ 9** |
| **Bolli għall-Ballut** | **paġ 9** |
| **Il-GLADJATURI tal-lum!** | **paġ 10** |
| **Gruppi Lokali** | **paġ 11** |
| **Daħħal Membru** | **paġ 11** |
| **X'rat il-Kamera: L-Għadira!** | **paġ 12** |


## Faċċata ta' Quddiem

### Għasfur ta' San Martin

(*Alcedo atthis* - Kingfisher)

**Wieħed mill-għasafar l-aktar kuluriti li jżuru Malta. Iħobbu postijiet bl-ilma, għalhekk jinġibdu bħal kalamita lejn ir-riservi tas-Simar u l-Għadira.**

(Ritratt Denis Cachia)

## Faċċata ta' Wara

### L-Għadira

**L-ewwel riserva naturali ta' Malta, li teżisti bis-saħħa ta' BirdLife Malta u l-membri tagħha.**

(Ritratt Joe Sultana)


**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Angéle Pulis, Chris Pulis, Sharon Sultana.


Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħargiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, slide-shows, video-shows u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin **Il-Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Klabb Ħuttaf għandu wkoll (s'issa) 5 Gruppi Lokali fil-pajjiż. Sħubija fil-Klabb hija **Lm1.50** fis-sena.


**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**



Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' isem il-magażin u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.



Stampat għand Poulton's Print Shop, Marzu 1998

aħbarijiet



**Silfjun Ewropew**
Wigeon



**Palettuna**
Shoveler

# Borok!

Marzu huwa x-xahar tal-papri, jew kif jissejħu fis-selvaġġ, borok. F'Malta ma tantx jidħlu borok minħabba li m'għandniex għadajjar kbar fejn dawn jistgħu jinżlu jistrieħu u jieklu. Imma dan ma jfissirx li borok ma jgħaddux minn ħdejn pajjiżna. Dan jafuh sew il-berdwoċers ta' BirdLife li jagħmlu l-passatemp tagħhom f'xatt il-baħar. Fit-12 ta' Marzu, sħabna Ian Balzan u Charles Coleiro raw mat-800 borka, fosthom **Palettuni**, **Sarsell Aħmar** u **Silfjuni**. Tliet ijiem qabel, berdwoċer ieħor Caldon Mercieca ra xi 1200 borka għaddejjin minn fuq il-baħar, fosthom **Silfjuni Ewropej** u **Ferruġini** (*ferruginous duck*).



**Silfjun**
Pintail



**Sarsella Ħamra**
Garganey





**Żuru l-istand ta' BirdLife u Klabb Ħuttaf fil-GreenWeek 98 (15-19 April 1998)**

**Il-Hummingbird iferfer ġwinħajh xi 60 darba fis-sekonda! Meta jkun qed jitkessaħ fi żmien in-namra, iżid il-ħeffa, u kapaċi jferfer ġwinħajh 200 darba fis-sekonda!**

***X'għandna mid-Dinja!***



## Jigsaw Puzzle fil-Brażil!

Il-gvern Brażiljan għadu kemm waqqaf riserva naturali daqsxiex fil-qalba ta' l-Amażon, art li jisimha **Amana**. U mhux hekk biss. Din l-art tiġi eżatt bejn żewġ riservi naturali oħrajn, Jau u Mamiraua. B'hekk issa hemm medda ta' art enormi li hija protetta - eżattament 57,660km$^2$ (ikbar minn Switzerland). Din hija fil-fatt **l-ikbar medda ta' foresta tropikali protetta fid-dinja**. Art mimlija annimali rari bħal ġagwar, uakari, anakonda, dniefel tax-xmara, kajman, manati, ajkli ħarpi. U eluf ta' speċi oħra...



BBC Wildlife magazine Jan98

# TIĠU Kemmuna ???



Seqer tal-Hannieqa

Ħa nżuru Kemmuna, dik il-gżira kwieta imgezza bejn Malta u Għawdex. Kemmuna hija **santwarju ta' l-għasafar** u għalhekk f'daż-żmien tas-sena sservi ta' refuġju mill-qerda li ssir mill-kaċċaturi fuq Malta u Għawdex. Issa żmien il-passa, **l-aqwa żmien għall-għasafar u n-natura**. Komplu aqraw...





Bruka

**Dati: Ħarġa A 26 April 1998**
**Ħarġa B 3 Mejju 1998**
**Prezz: Żgħar Lm1.25, Kbar Lm1.75**
**Aktar dettalji lil min jibbukkja**

- Importanti li **tibbukkjaw bit-telefon** (230684/250229 filgħodu) mhux aktar tard mit-23 **ta' April.**
- **Aħsbu kmieni,** ftakru li l-lanċa tieħu numru limitat.
- **Tibagħtux flus** - ħallsu dakinhar tal-ħarġa stess.
- **Ġibu magħkom** ikel, xorb, xi beritta għal raskom, nowtbuk, lapes, u basket (l-aħjar ikun tad-dahar). U jekk għandek, tromba u field guide.
- **Iġġibux** radjijiet, blalen, frisbees eċċ!

***Għeżież ġenituri...***

*Nixtiequ li ma jiġix aktar minn ġenitur wieħed minn kull familja. Dan kif tafu nagħmluh biex ikollna aktar post għall-membri oħrajn li jkunu jixtiequ jiġu, peress li n-numru għal din l-attività huwa limitat. Membri taħt it-8 snin irid jiġi xi ħadd kbir (+14yrs) magħhom. Grazzi ħafna.*

## ALIVE

**Dawn il-membri għadhom ma ġabrux it-Tee-shirt ta' l-ALIVE.**

Lauro Fava (3967)
Robert Bartolo (3438)
Stephen Borg (2753)
Clint La Rosa (4286)
Charlotte Micallef (4298)
Leandre Grixti (3771)
Marcus Bonnici (3650)
Sabrina Ellul (3883)
Stephanie Delceppo (2420)
Adrian Spiteri (3934)
Michele Tufigno (2228)
Alison Fiott (3723)
Sarah Falzon (4356)
Kevin Busuttil (1989)

**Nitolbu l-membri jċemplu 230684 qabel imorru, biex żgur jinqdew.**



Desirée Falzon

**Xena mill-attività li għamilna fir-riserva tas-Simar nhar Ħadd il-Karnival (22 Frar). Konna iktar minn 30 ruħ, u kulħadd kellu x'jagħmel: min jimla, min jiżra' l-ġandar, min jistiva l-qsari u min isaqqi. Anke xi ġenituri ma felħux iħarsu biss u middew idejhom! Sa nofsinhar konna żrajna mal-500 ġandra! Il-membri raw ukoll il-mixtla tas-Simar, li fiha diġà hemm xi 250 ballutа żgħira, li kienu nżergħu s-sena l-oħra. Grazzi lil kull min attenda.**

**Klabb Ħuttaf jgħid grazzi wkoll lit-tfal ta' Years 5B u 5E ta' l-iskola Primarja B tal-Fgura, li waqt ħarġa edukattiva għall-Buskett ġabrulna l-ġandar li wżajna f'din l-attività. B'hekk dawn ukoll taw sehem fil-proġett Foresta 2000.**

# Żewġ ritratti...



Victor Falzon



Victor Falzon

X'għandhom x'jaqsmu daż-żewġ ritratti? F'wieħed taraw lavur f'kolonna Griega li tgħodd ma' l-elfejn sena. Ir-ritratt l-ieħor juri ħannewija, pjanta li bħalissa qiegħda bil-weraq u għal Mejju tibda twarrad. Ħarsu sew! Indunajtu? Hekk hu, il-weraq fit-tiżjin tal-kolonna huwa proprju l-weraq tal-ħannewija. Il-Griegi kienu jħobbu jikkupjaw in-natura fl-arti tagħhom: fil-fatt il-weraq tal-ħannewija sar wieħed mit-tliet disinji prinċipali tal-kolonni Griegi. Dan kien l-istil Korinz (*Corinthian*), u mit-tliet stili kien l-iktar wieħed kumplikat. L-istil Korinz baqgħu jikkupjawh tul iż-żminijiet, u anke f'Malta ssibu. Issa meta darb'oħra taraw bini bil-kolonni, ħarsu waħda lejn il-lavur, u ara tarawx il-ħannewija!

# Ħmerijiet li nisma'...

**Fejn il-bniedem ma jafx, jivvinta. U dak li jivvinta, spiss jibda jemmnu..!**

*Desirée Falzon*

Xi bdiewa jaħilfu li l-qanfud jisraq l-għeneb mir-raba'.

Jgħidulek li l-qanfud jidħol fl-għelieqi bil-lejl, isib id-dwieli baxxi li jkollhom xi għanqud għeneb nofsu mimdud fuq il-ħamrija. U x'jagħmel? Jieklu? Iva, imma mhux biss! Wara li jkun kiel u xaba', jibda jitgerbeb fuq l-għanqud ħalli l-għeneb jeħillu max-xewk! Imbagħad imur jiġri bit-tagħbija ħalli jitma' l-għeneb lill-frieħ!

Ħmerija mill-bidu sa l-aħħar! Il-qanfud lanqas biss *iħobbu* l-għeneb. Seħibna Xummiemu jiekol biss annimali oħrajn, l-aktar insetti, bebbux, bugħarwien u ħniex.

X'jitgerbeb jitgerbeb..!



Joe Sultana



# BOLLI GĦALL-BALLUT

***Il-Kampanja Bolli għall-Ballut għadha għaddejja, il-bolli għadhom deħlin, u mill-Għadira għadna qed inbigħu l-pakketti. Nabsbu li sal-Ħuttafa li jmiss inkunu għaqqadna n-numru maġiku ta' Lm50. U dan kollu bis-saħħa tagħkom. Grazzi.***

*S'issa faddalna*

***Lm44***



Għali Ambjentali Problemi li qed jagħmlu ħsara lill-ambjent naturali.

# GLADJATURI TAL-LUM



**Ġeneralment meta nisimgħu l-kelma "sport" jiġuna f'moħħna affarijiet bħal futbol, tennis eċċ. Imma hawn min jaħseb li l-ġlied ta' l-annimali huwa sport.**

Għalkemm dawn huma attivitajiet kontra l-liġi, f'Malta għad hawn ħafna postijiet fejn iġelldu s-sriedaq u l-klieb.

Fid-*dogfighting*, il-klieb jitrabbew biex ikunu qishom magni tal-ġlied. Dan huwa kontra n-natura tagħhom. Waqt il-ġlied, il-klieb isofru ġrieħi gravi u ħafna drabi jekk ma jmutux waqt il-ġlied, ikollhom jinqatlu wara. Kemm-il darba tara klieb tal-ġlied b'widnejhom kważi mċarrtin barra, ħafna gdim u qtugħ eċċ. F'ċerti postijiet jużaw ukoll, per eżempju, qtates bħala lixka, biex waqt il-ġlied, lill-klieb iġennuhom iktar.

Kien hemm ukoll drabi meta s-sidien tal-klieb li jkunu tilfu ġlieda, qatluhom bir-rabja. Rapport f'*The People* ta eżempju ta' każ fejn raġel rabat saqajn il-kelb flimkien b'ħabel u tefgħu l-baħar.

Il-ġlied tas-sriedaq (*cockfighting*)huwa komuni wkoll. F'ħafna każi, jitqaxxar ir-rix minn fuq għonq u sider is-sriedaq ħalli dawn jintlaqtu aktar malajr. Ma' saqajn is-sriedaq titwaħħal xafra twila xi 7ċm. Ladarba jaqbdu jiġġieldu, is-sriedaq jagħmew lil xulxin, jagħtu u jaqilgħu daqqiet bix-xafra u f'ħafna każijiet, imutu f'temp ta' 33 sekonda.

U dan hawn min isejjaħlu sport!

Dawn l-"isports" jinvolvu attività illegali oħra - il-logħob tal-flus. Eluf ta' liri jkunu involuti f'imħatri fuq l-annimali. Imbagħad l-ogħla multa li qorti tista' tagħti lil min iġelled il-klieb hija ta' Lm25. Qisna qed ngħidu li l-ħajja ta' annimali tiswa Lm25.

**Avolja l-annimali ma jafux jitkellmu, xorta għandhom id-drittijiet tagħhom. Mhumiex sempliċiment ġugarelli f'idejn il-bniedem li nistgħu nużawhom kif irridu għad-divertiment tagħna.**

**Elizabeth Conrad**


# Birdwatchers Club



Il-**Birdwatchers Club** qiegħed għal dawk il-membri ta' BirdLife u ta' Klabb Huttaf li jħobbu l-**berdwoċing**. Dawn joħorġu fil-kampanja armati bit-trombi, u jfittxu postijiet tajbin għall-għasafar. Il-klabb joħroġ magażin jismu ***Woodchat*** u jorganizza attivitajiet għall-membri. Sħubija fil-Birdwatchers Club hija **Lm1.50** fis-sena, u l-membri jridu jkunu għalqu l-10 snin. Min huwa interessat jikteb lil:

**BirdLife Malta • Birdwatchers Club • POBox498 • Valletta CMR01**

# GRUPPI LOKALI

**Ħamrun/Marsa**
Leaders: Caldon Mercieca (K), Marija Calleja
**Ħ'Attard**
Leaders: Grace Camilleri, Etienne Grech, Thelma Saliba, Agnes Scicluna (K), Silvio Scicluna (K).
**Naxxar/Għargħur**
Leaders: Anita Aloisio, Jason Aloisio (K), Fleur Casha, Valerie Gauci, Justin Vassallo.
**Rabat/Ħad-Dingli**
Leaders: Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Alice Micallef, Angèle Pulis, Chris Pulis, Mark Sultana, Sharon Sultana, Ingrid Vassallo.
**Ħaż-Żebbuġ/Siġġiewi**
Leaders: Marthese Attard (K), Ian Balzan, Charles Coleiro, Doreen Coleiro.

(K=Ko-ordinatur)

# Prosit u Grazzi!



Prosit daqsxiex u grazzi ikbar lil dawn l-10 membri Ħuttaf. Għaliex? Għax dawn mhux biss qraw il-magażin u tgħallmu minnu, imma użawh ukoll biex idaħħlu aktar membri fil-Klabb. Hawn huma...

| | |
|---|---|
| **Joseph Busuttil** | **Vivienne Bajada** |
| **Daniel Sammut** | **Emma Żammit** |
| **Paul Baldacchino** | **Anne Marie Galea** |
| **Simone Schembri** | **Arnold Sciberras** |
| **Liliana Vassallo** | **Annalise Vella** |

Din il-lista hija ta' **Jannar u Frar 1998 biss**. Minn dil-ħarġa se nibdew inġibu l-lista tal-Ħuttaf li jdaħħlu aktar Ħuttaf!

# Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf



## u LILEK nibagħtulek...



- **3 PITAZZI ta' BirdLife Malta** u
- **STIKER** (bil-kulur) **ta' għasfur**

**Ħajjar** ħabib jew ħabiba jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. **Żgur żgur!**

**DETTALJI tal-MEMBRU ĠDID**

Isem u Kunjom

Indirizz

Postcode

Data tat-Twelid

Telefon





**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom

Indirizz

Postcode

Telefon

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - ĦU FOTOKOPJA**

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta (Klabb Ħuttaf) POBox498 Valletta CMR 01.**
Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli BirdLife Malta), Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ


L-Għadira